MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 832/2006

**Dieter Achtelstetter**

**vs**

**M/V Gran Michelangelo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fit-12 ta' Settembru, 2006, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi huwa sid tal-yacht Ocean Lady irregistrat gewwa Hamburg il-Germanja;

Illi fl-14 ta' Dicembru 2005 meta l-Ocean Lady kienet sorguta fuq berth gewwa Marsaxlokk, sehhet kollizjoni wara illi waqt maltempata il-bastiment tas-sajd Gran

Michelangelo nqatghulu c-cimi tieghu u dan tkaxkar ghal fuq il-bastiment Capitan San Marco proprjeta’ ta’ cittadin Belgjan residenti hawn Malta Fred Fremal u dawn iz-zewg bastimenti spiccaw jistriehu fuq l-Ocean Lady;

Illi bhala konsegwenza ta’ din il-kollizjoni l-Ocean Lady tista titqies bhala ‘total loss’ u dan minhabba il-fatt illi l-prezz sabiex isiru it-tiswijiet lil istess Ocean Lady jeccedi il-valur taghha (ara pagna 6 ta’ survey report anness bhala Dok ‘A’);

Illi huwa stmat li l-valur ta’ l-Ocean Lady qabel l-kollizjoni kien dak ta’ bejn ghaxart elef lira Maltija (LM 10,000) u tnax –il elf lira Maltija (LM12,000) (u dan kif muri fis-survey report anness bhala Dok A);

Illi l-incident sehh unikament b’tort u responsabilita ta’ M/V Gran Michelangelo kif jigi spjegat u ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza;

Talab lill-bastiment intimat ighid ghaliex din l-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b’tort u responsabilita’ ta’ M/V Gran Michelangelo;
2. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti konsistenti fil-valur ta’ l-Ocean Lady qabel l-incident jew somma ohra illi dina l-Qorti jidrilha xierqa u gusta, u dan jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi; konsegwentement,
3. tikkundanna lil bastiment intimat ihallas l-ammont illikwidat minn din il-Qorti bhala danni sofferti mir-rikorrenti ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ impediment ta’ tluq ta’ bastiment (no. 13 25/06) u tal-mandat ta’ qbid ezegwiti kontra l-bastiment intimat (no. 13 26/06 JB);

Rat in-Nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-bastiment konvenut li naqas li jipprezenta risposta u hekk baqa' kontumaci;

Rat ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' l-attur;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-bastiment konvenut tiddeciedi billi tilqa l-ewwel talba ta' l-attur u tiddikjara li l-incident li fih tkissret l-Ocean Lady sehh unikament b'tort u responsabbilta ta' M/V Gran Michelangelo. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsistenti fil-valur ta' l-Ocean Lady qabel l-incident jew somma ohra li din il-Qorti jidhrilha xierqa u gusta fis-somma ta' ghaxar telef liri Maltin (LM 10,000). Tilqa t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-bastiment konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-attur.

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------